

Brussell, 24 ta' April 2026
(OR. en)

8295/26

LIMITE

UEM 147
ECOFIN 487
ECB
EIB

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta' abbozz ta' disinn għal munita kommemorattiva ta' 2 euro ppreżentat mill-Finlandja

1. Skont l-Artikolu 10(1) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni¹ (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament tal-Kunsill"), il-Finlandja ppreżentat, permezz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-abbozz ta' disinn għal:
 - munita kommemorattiva ta' 2 euro, maħsuba biex tinħareġ fil-ħarifa tal-2026, iddedikata lill-periti Finlandiżi Raili u Reima Pietilä (l-abbozz ta' disinn jinsab fl-Anness ta' din in-nota);
2. F'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill, kwalunkwe Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro jista', f'opinjonijiet motivata indirizzata lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, iqajjem oġġezzjoni għall-abbozz ta' disinn propost mill-Istat Membru emittenti jekk dak l-abbozz ta' disinn x'aktarx li joħloq reazzjonijiet negattivi fost iċ-ċittadini tiegħu.

¹ *ĠUL 194, 2.7.2014, p. 1.*

3. F'konformità mal-Artikolu 10(5) tar-Regolament tal-Kunsill, fejn il-Kummissjoni tkun qieset li l-abbozz ta' disinn ma jirrispettax ir-rekwiżiti tekniċi stipulati mir-Regolament tal-Kunsill, hija kellha tippreżenta valutazzjoni negattiva lill-Kunsill.
4. Sat-23 ta' April 2026, li kien il-limitu ta' żmien stabbilit f'konformità mal-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill, ma tressqet l-ebda opinjoni motivata jew valutazzjoni negattiva lill-Kunsill.
5. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament tal-Kunsill, id-deċiżjoni li tapprova d-disinn imsemmi hawn fuq titqies li ġiet adottata mill-Kunsill fl-24 ta' April 2026².
6. Hu mfakkar li, f'konformità mal-Artikolu 10(8) tar-Regolament tal-Kunsill, l-informazzjoni rilevanti kollha dwar disinji ġodda tal-muniti nazzjonali għaċ-ċirkolazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/il-Kunsill mistiedna jqisu din in-Nota ta' Informazzjoni bħala punt "I/A" fuq l-aġenda tal-laqgħat tagħhom li jmiss.

² Il-limitu ta' sebat ijiem u d-data tal-adozzjoni msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014 jiġu determinati f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jstabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (*ĠUL 124, 8.6.1971, p. 1*).